MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1178/1992/1

**Dottor Remigio Zammit Pace, bhala Segretarju, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Elmo Insurance Services Limited, u din rapprezentanti s-socjeta` assikuratrici estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata bil-polizza u bil-ligi, fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha s-socjeta` Wembley Motors Limited**

**Vs**

**Lucienne Zammit**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fid-29 ta' Settembru 1991, ghal xi s-2.30 a.m., waqt li Adrian Seychell kien isuq van Isuzu Numru Y-1885

(propjeta` tas-socjeta` Wembley Motors Limited) dan safa' involut f'incident awtomobilistiku mal-car Datsun Numru G-4802 misjuqa mill-konvenuta;

Premess illi l-vettura Numru Y-1885 kienet assikurata ma' l-attur Dottor Remigio Zammit Pace *nomine* taht polza *comprehensive* u s-socjeta` Wembley Motors Limited, bhala assikurat, ghamlet *claim* lis-socjeta` assikuratrici attrici in konnessjoni ma' l-incident *de quo*;

Premess illi d-danni ta' l-attur kienu jammontaw ghal hames mija tnejn u disghin lira u ghaxar centezmi (Lm592.l0c) bhala risarciment ta' l-ammont li dan sborza a favur ta' l-assikurat tieghu biex thallsu l-ispejjez tat-tiswija tal-vettura Numru Y-1885 u spejjez ohra konnessi u rizultanti mill-incident ghal liema ammont l-istess attur *nomine* gie surrogat fid-drittijiet ta' l-assikurat tieghu taht il-polza *comprehensive*, (Dok. 2);

Premess illi ghal dan l-incident u konsegwenzjali danni kienet tahti unikament il-konvenuta minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Premess illi l-konvenuta interpellata tersaq ghar-risarciment tad-danni attrici baqghet inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident fuq riferit u ghad-danni kollha li b'konsegwenza ta' l-istess garrab l-attur *nomine*;

2. Tillikwida d-danni ta' l-attur *nomine* fis-somma ta' hames mija tnejn u disghin lira u ghaxar centezmi (Lm592.10c) jew somma verjuri, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur *nomine* is-somma ta' hames mija tnejn u disghin lira u ghaxar

centezmi (Lm592.l0c) bhala risarciment ta' l-ammont li dan sborza a favur ta' l-assigurat tieghu biex thallsu l-ispejjez tat-tiswija tal-vettura Numru Y-1885 u spejjez ohra konnessi u rizultanti mill-incident ghal liema ammont l-istess attur *nomine* gie surrogat fid-drittijiet ta' l-asskurat tieghu taht il-polza *comprehensive*, jew ammont verjuri;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 19 ta' Awissu 1992, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni, kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-Nota ta' l-eccezzjonijiet tal—konvenuta li permezz taghha hija eccepiet:-

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex l-incident gara minhabba l-htija u r-responsabilita` esklusiva ta' Adrian Seychell li kien qieghed isuq il-vettura l-ohra;

2. Salvi eccezzionijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet tal-11 ta' Dicembru 1992 li permezz tieghu gie nominat bhala perit legali Dr. Joseph Ciappara biex ifittex u jirrelata u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta li fiha hija eccepiet:-

1. Illi l-odjerna kawza ma tistax titkompla ghaliex waqt il-mori l-kwestjoni tar-responsabilita` ta' l-incident awtomobilistku giet definitivament deciza minn din il-Qorti,

diversament presjeduta, bis-sentenza fl-ismijiet "Carmelo Zammit vs Adrian Seychell" ta' l-4 ta' Ottubru 1993, u ghalhekk tapplika l-massima tal-*nom bis in idem*;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-noti pprezentati mill-partijiet;

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni maghmula mill-avukati difensuri ta' l-stess partijiet fl-udjenza tas-17 ta' Gunju 1999;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Il-vertenza li qed tigi hawn ikkonsidrata tirrigwarda esklusivament il-portata ta' l-eccezzjoni ulterjuri tan-*non bis in idem* sollevata mill-konvenuta. Kemm fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet taghha (fol. 55) u, aktar u aktar, fit-trattazzjoni orali, traskritta a fol. 59 *et sequitur*, il-konvenuta ssostni illi hemm distinzjoni bejn din il-massima u r-regola tar-*res judicata*;

Ma jidherx li fuq dan il-punt il-konvenuta hi ghal kollox preciza tant li bosta drabi nsibuhom ekwipollenti ghal xulxin, u jintuzaw biex ifissru l-istess haga (Vol. XXXVIII P I 80);

Huwa veru li fil-kamp kriminali tinsorgi xi minn daqqiet id-distinzjoni bejn l-estinzjoni ta' l-azzjoni u t-teorija tan-*non bis in idem*, in kwantu ta' l-ewwel tavvera ruhha meta jkollok decizjoni fil-meritu moghtija fuq l-istess fatt, ghalkemm diversa fil-forma, mentri fit-tieni l-principju hu divers. Dan fis-sens illi anke fejn ma tkunx inghatat

decizjoni, "kawza kriminali ma tistax lanqas tigi ceduta mill-Pulizija u mbaghad riproposta taht forma ohra differenti ghax ic-cessjoni ta' kawza mhux biss tarresta l-procediment imma tipperimi l-azzjoni" ("**Il-Pulizija –vs- Frangiska Catania** et", Appell Kriminali, 14 ta' Gunju 1952);

Pacifikament pero` z-zewg nozzjonijiet huma ekwiparati flimkien u billi t-tnejn jippresupponu kawza gja deciza fil-meritu jgibu l-estinzjoni ta' l-azzjoni. Kif jinghad fin-Noti tal-Professur Mamo fuq il-procedura penali "*this constitutes what is known as the 'auctoritas' of the res judicata and is also expressed by the maxim 'ne bis in idem*". Principju dan stabbilit fl-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali u dikjarat fundamentali fl-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni;

Tajjeb li jinghad ukoll illi konsimili eccezzjoni trid tigi dejjem deciza b'kap separat, kif hekk jissanzjona l-Artikolu 730 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili; in mankanza, din l-ommissjoni ggib in-nullita` tas-sentenza (**Vol. XXXIX P I p 282; Vol. XXXVIII P I p 357**);

Issa hu risaput illi fil-kaz ta' eccezzjoni bhal din dak li hu essenzjali ghar-*res judicata* huma t-tliet elementi bazici taghha, u cjoe, (1) <u>*eadem persona*</u> (2) <u>*eadem res*</u> u (3) <u>*eadem causa petendi*</u>. Dawn l-elementi huma pacifici u centrali kemm fil-kamp kriminali ("**La Polizia –vs- Costantino Balzan**", Appell Kriminali, 12 ta' Lulju 1930), kemm fil-kamp civili ("**Adrian Busietta *nomine* –vs- Marco Attard *nomine***", Appell, 9 ta' Frar 2001);

Stabbilit dan il-principju imperanti *in subjecta materia* irid jigi issa ezaminat jekk fil-kaz prezenti jirrikorrux l-elementi kollha ta' l-eccezzjoni kif hekk pretiz mill-konvenuta;

Opportunement pero` tajjeb li qabel xejn jinzamm in mira l-insenjament lodevoli akkolt fid-decizjoni fl-ismijiet: "**Francesca Aquilina –vs- Neg. Giuseppe Gasan et**", Appell Kummercjali, 5 ta' Novembru 1934 (**Vol. XXIX P I p 1155**):

"L-'*exceptio judicatae*' ghandha bhala fondament il-fatt ta' l-interess pubbliku, u wkoll ghaliex '*interest rei publicae ut sit finis litium*'. Sentenza li ghaddiet '*in giudicato*', jigifieri li ma tistax tappella minnha izjed, hija mizmuma bhala tajba u sewwa u tal-haqq – *res judicata pro veritate habetur* – jigifieri l-fondament ta' l-'*actio'* u ta' l-'*exceptio judicati'* hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija '*strictissime interpretationis'*.";

Li jfisser li "l-ecezzjoni tal-gudikat ghandha tigi ammessa b'cirkospezzjoni kbira; u dan aktar u aktar meta dik l-eccezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt ..." – "**Caterina Gerada –vs- Avukat Dr. Antonio Caruana**", Appell Civili, 7 ta' Marzu 1958 (**Vol. XLII P I p 98**);

Fil-kaz prezenti dak li hu cert hu l-fatt illi, kif obbjetta l-attur nomine, l-persuni f'din l-istanza huma differenti minn dawk tal-kawza fl-ismijiet "Carmelo Zammit –vs- Adrian Seychell" deciza minn dina l-Qorti, diversament presjeduta, fl-4 ta' Ottubru 1993;

Ghal din ir-raguni biss it-tezi propunjata mill-konvenuta tfalli in kwantu s-socjeta` attrici, surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Wembley Motors Limited, sid tal-vettura misjuqa minn Adrian Seychell, ma hija prekluza b'ebda decizjoni definittiva li fiha hi ma kienetx parti;

Kif jghid il-**Baudry** ("Trattato di Diritto Civili", Delle obbligazioni, Vol. IV para. 2686) "*gli effetti delle sentenze sono limitati alle parti in causa, come gli effetti delle convenzioni si limitano alle parti contraenti – 'res inter alios acta vel iudicata aliis nec nocere nec prodesse potest'.*";

Lanqas ma jista' jissufraga lit-tezi tal-konvenuta l-argoment illi s-socjeta` assiguratrici attrici kien messha interveniet fil-kaz deciza. Bir-rispett kollu dan l-argoment hu ghal kollox ipotetiku ghax gjaladarba s-socjeta` attrici ma kienetx parti f'dik l-istanza il-gudikat pronunzjat fiha ma jistax ikun ta' ostakolu ghad-domanda attrici f'din il-kawza. Dan ghar-raguni logika u semplici illi "l-effetti ta' sentenza huma limitati ghall-partijiet fil-kawza" ("**Concetta**

**Farrugia –vs- Giorgio Gauci et**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 2 ta’ Mejju 1958);

Anke kieku *gratia argomenti* kellu jigi accettat dak ritenut mill-konvenuta illi s-socjeta` attrici ippekkat talli ma hadetx hsieb tintervjeni fil-kawza l-ohra deciza, u anke kieku jigi accettat ukoll illi l-obbjett guridiku fil-kawza l-wahda u fl-ohra hu l-istess, u allura kapaci jkollok gudizzju iehor fuq l-istess meritu, dan certament ma jistax iwassal ghal daqshekk biex tigi sorretta l-eccezzjoni moghtija gjaladarba jonqos wiehed mill-elementi bazici tal-*‘cosa giudicata’.* Kif intqal superjorment il-kuncett tar-*res judicata* ghandu jircievi interpretazzjoni rigoruza u strettissima. Tant dan hu hekk illi jinsab ukoll akkolt fil-gurisprudenza illi “fil-kaz ta’ dubju, l-eccezzjoni tar-*res indicata* ghandha tigi michuda” (“**Frans Sammut –vs- Paul Curuana**”, Appell, Sede Inferjuri, 9 ta’ Mejju 1997);

In bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet l-eccezzjoni relattiva tal-gudikat avvanzata mill-konvenuta ma tistax tigi akkolta, anke ghaliex, kif fuq manifest, hi destitwita minn fondament guridiku.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuta billi tirrespingi l-istess, bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Il-kawza qed tigi differita ghal kontinwazzjoni fil-meritu ghat-22 ta’ Ottubru 2003.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------